Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Ġunju 2017**
**(OR. en)**

**10341/17**
**ADD 2**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0325 (COD)**

**CODEC 1064**
**RECH 238**
**MED 49**
**AGRI 334**
**MIGR 106**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fi Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b'mod konġunt minn bosta Stati Membri **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv<br>= Dikjarazzjoni |

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

Ir-Renju Unit jirrikonoxxi l-importanza tal-inizjattiva PRIMA għar-reġjun Ewro-Mediterranju u li s-suġġett tas-sigurtà tal-ikel, li huwa l-enfasi attwali tal-PRIMA, huwa pertinenti kemm għar-reġjun Ewro-Mediterranju minnu nnifsu kif ukoll għall-bqija tad-dinja.

Aħna nirrikonoxxu l-opportunità għall-iżvilupp ta' rabtiet aħjar tar-riċerka u l-innovazzjoni mal-pajjiżi parteċipanti fir-reġjun Ewro-Mediterranju u b'mod partikolari mal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar.

Madankollu, ir-Renju Unit jinsab imħasseb dwar il-potenzjal tal-inizjattiva PRIMA li toħloq preċedent għall-allokazzjoni ta' finanzjament tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni fuq bażi ta' ġeografija minflok ta' eċċellenza. Aħna nemmnu li l-eċċellenza għandha tkun il-kriterju ewlieni għall-allokazzjoni ta' finanzjament tal-Orizzont 2020. Għaldaqstant, ir-Renju Unit astjena minn din id-deċiżjoni.